MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 2139/2004

**Middlesea Insurance PLC. noe.et.noe.**
**Vs**
**Michael Said**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta attrici fejn talbitu jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fi triq l-Imdina, Zebbug nhar it-13 ta' Awissu, 2002, meta sehhet kollizjoni bejn il-vettura targata KAM 129, misjuqa mill-konvenut u l-vettura LVY 148, proprjeta' tal-assigurat tas-socjeta' attrici.

Is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' mija u seba' u ghoxrin lira Maltin u seba' centezmi (Lm127.07), rappresentanti danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta' attrici Middle Sea Insurance plc u li ghalihom kellha taghmel tajjeb is-socjeta' attrici taht polza tat-tip *comprehensive* u nkluz eccess mhallas mill-attur.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li ma jahtix ghall-incident de quo u illi  minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub huwa ezagerat.  Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta’ Rosette Calafato, li tokkupa l-kariga ta’ *claims handler* mas-socjeta’ attrici. Tikkonferma li kien hemm *claim* fuq vettura LVY 148, proprjeta’ ta’ *Pelican Car Hire*, wara li sehh incident fit-13 ta’ Awissu, 2002.

Il-vettura kienet wahda tal-kiri u x-xhud tikkonferma li kellha polza “*comprehensive*,” tant li s-socjeta’ attrici ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti mill-assikurat taghha fis-somma ta’ mija seba’ u ghoxrin lira, seba’ centezmi (Lm127.07). Thallset hamsin lira (Lm50) excess mill-assikurat. Peress li s-socjeta assikuratrici ghamlet tajjeb ghad-danni, hija giet issurogata fid-drittijiet tal-assikurat.

Ra x-xhieda ta’ WPC 172 Ruth Gauci, li ezebiet r-rapport tal-incident (Dok, RG1) li sehh bejn il-vettura KAM 129, misjuqa minn Michael Said u vettura LVY 148 misjuqa minn Paul Agius.

Ix-xhud tghid li ma sarx skizz tal-incident peress li meta waslu fuq il-post, il-vettura tal-attur kienet iccaqalqet mill-posizzjoni ta’ meta sehh l-impatt.

Ra x-xhieda ta’ l-attur, li jispjega li kien ghaddej minn triq l-Imdina, Zebbug, fejn *Brian Tyre Services*.

Ighid li kien gej mid-direzzjoni ta’ Hal Qormi, ghadda minn mar-*roundabout* u kien biss wara li kien skorra xi tlettin pied mir-*roundabout* li sehh l-incident. Jikkonferma li kien ghaddej minn naha ta’ gewwa, magenb ic-*central strip* u meta sehh l-impatt, hass id-daqqa fuq quddiem, fuq ix-xellug,

L-istess xhud ighid li l-vettura tal-konvenut raha biss meta sehh l-incident, izda ssoppona li l-konvenut kien gej mid-direzzjoni tas-Siggiewi.

Ra x-xhieda ta' Joseph Brincat li kien ghamel is-*survey* fuq il-vettura LVY 148 fil-*Pelican Garage*, fuq inkarigu tas-socjeta' attrici. Jikkonferma s-*survey* tieghu u jikkonferma ukoll li kien ra l-vettura biss qabel ma saru t-tiswijiet u kien rega' rah in-Naxxar.

Ra x-xhieda tal-konvenut li jikkonferma li kien qed isuq il-vettura b'numru ta' registrazzjoni KAM 129 u kien gej minn Hal Qormi fid-direzzjoni lejn Haz Zebbug. Kien qed idur fuq in-naha ta' gewwa tar-*roundabout* li hemm faccata tat-triq li taghti ghas-Siggiewi, meta van baqa' diehel go fih. Ighid li l-van baqa' sejjer u waqaf aktar 'l fuq minn fejn sehh l-impatt.

Ighid li hu waqaf mal-impatt. Meta waqaf l-attur, waqaf fin-nofs, u sakemm gew il-pulizija, resaq mal-genb.

Bhala hsarat il-konvenut jikkonferma li dawn kienu fix-xellug ghaliex l-attur kien hadlu genb.

Il-konvenut jinsisti li hu ma kienx gej mid-direzzjoni tas-Siggiewi, kif qed jallega l-attur,  izda minn Hal Qormi u dan seta' jikkonfermah peress li kellu rcevuta tal-ATM, ta' Hal Qormi, minn fejn kien ghadu kemm gibed xi flus. Ighid ukoll li kien qal dan id-diskors lill-pulizija. Fl-ahharnett izid jghid ukoll li kien hemm proceduri kriminali kontrih, fejn kien gie lliberat.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra

F'dan il-kaz, kif gia inghad, ma giex prodott l-ebda skizz, peress li gie stabbilit li l-vettura LVY 148 kienet iccaqalqet mill-post fejn sehh l-impatt. Dan huwa fattur li jikkomplika l-apprezzament tal-provi. L-uniku indizzju huwa l-iskizz mhejji mis-socjeta' attrici a fol. 18 tal-process (Dok  MS1) li bhala tali huwa *ex parte*.

L-istess skizz, pero', fih inniffsu jiggenera konfuzjoni rigward id-direzzjoni minn fejn allegatament kien gej il-konvenut. Il-partijiet ghandhom verzjonijiet kontrastanti fuq

dan il-punt. Mill-iskizz tas-socjeta’ attrici, jidher car li dan hu bazat fuq it-tezi tal-assikurat u cioe’ li il-vettura tal-konvenut, skond hu, kienet gejja mis-Siggiewi u mhux minn Hal Qormi.

Fi kwalunkwe kaz, it-Tribunal ihoss illi il-provi jaghtu x’jifhmu li l-incident sehh fil-mument li z-zewg vetturi kienu gia skorrew ir-*roundabout* fil-parti li taghti ghad-direzzjoni ta’ Haz-Zebbug f’liema direzzjoni il-partijiet kienu sejrin.

Hemm provi kontradittorji ghal dak li jirrigwarda l-posizzjoni tal-partijiet meta sehh l-incident. L-attur isostni li hu kien skorra r-*roundabout* madwar xi tletin pied u isostni li kien qieghed fuq in-naha ta’ gewwa tat-triq mas-*central strip*. Il-konvenut minn naha l-ohra jinsisti li kien ghaddej mar-r*oundabout* fuq in-naha ta’ gewwa. Ir-rapport tal-pulizija, a fol.40 tal-process jindika li “***l-vettura numru KAM 129 (i.e. tal-konvenut) kienet qed tigi misjuqa fuq in-naha ta’ gewwa tat-triq, fuq quddiem, waqt li l-vettura numru LVY 148 ftit metri lura fuq in-naha ta’ barra tat-triq….”***

Dan ir-rapport, meta kkomparat mal-iskizz mhejji mis-socjeta’ attrici, jaghti lok ghal sintonija tal-provi.

Din il-verzjoni tissahha aktar meta t-Tribunal iqis x’danni gew kkagunati lill-vetturi rispettivament. Il-vettura tal-attur u cioe’ LVY 148, garrbet hsarat fuq il-bieba tax-xellug fuq quddiem, l-*indicator* tax-xellug u l-*bumper* ta’ quddiem. Il-vettura tal-konvenut KAM 129 garrbet hsarat fuq il-mudguard tal-lemin u fuq wara.

Galadarba dan hu hekk, il-hsarat li qed jallega li ghandu l-konvenut ma setghux graw jekk kien fuq in-naha ta’ gewwa tar-*roundabout*, kif qed jallega. Ghalhekk, dawn il-fatti, meta apprezzati fl-isfond tal-provi li ngabu, huma indikattivi dwar min verament ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-incident *de quo* billi jirrendu inverosimili it-tezi tal-konvenut illi huwa ma kellux tort ghal dan l-incident.

Fil-fehma tat-Tribunal, it-tezi tal-assikurat tas-socjeta' attrici li hu kien ghaddej fil-karreggjata tieghu u wara li skorra r-*roundabout*, baqa' diehel fih il-konvenut li kien ghaddej fuq in-naha ta' gewwa tat-triq, apparti milli konsistenti, hija anki konfortata mic-cirkostanzi l-ohra imsemmija li huma tali li jeskludu it-tezi tal-konvenut li ghalhekk ser jigi ritenut responsabbli ghall-incident *de quo.*

Kwantu ghad-danni, it-Tribunal huwa soddisfatt li saret il-prova dwar l-entita' taghhom u ma hemm xejn fil-provi li talvolta jistghu jikkonfortaw it-tezi tal-konvenut li d-danni reklamati huma eccessivi.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjes u l-imghaxijiet kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------